



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 1 ta' Diċembru 2010 (02.12)
(OR. en)**

**17071/2/10
REV 2**

**PARLNAT 156
FIN 662
INST 544**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Coreper (parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Baġit Emendatorju 10/2010 = Informazzjoni għal Parlamenti Nazzjonali

1. Fl-20 ta' Ottubru 2010, il-Kummissjoni ppreżenat abbozz ta' baġit emendatorju (ABE) Nru 10 għall-2010.
2. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi, b'kont meħud tal-urġenza tal-kwistjoni, li jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perijodu ta' tmien ġimgħat kif ukoll il-perijodu ta' għaxart ijiem stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, sabiex huwa jkun jista' jadotta pożizzjoni¹ dwar il-proposta għal abbozz ta' baġit emendatorju Nru 10/2011 fl-10 ta' Diċembru 2010.

¹ Il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju 10/2010 għandu jkun fiha premessa li tgħid li "*minħabba l-fatt li l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 10 għall-2010 jeħtieġ li jiġi implimentat fis-sena finanzjarja 2010 għal raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba, huwa ġġustifikat li l-perijodu ta' tmien ġimgħat stabbilit fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 għall-informazzjoni tal-Parlamenti Nazzjonali, kif ukoll il-perijodu ta' għaxart ijiem biex il-punt jitpoġġa fuq l-aġenda proviżorja tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill*".

3. Il-parlamenti nazzjonali għandhom jiġu informati b'dan.
4. Għaldaqstant, il-**Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti** huwa mitlub jissuġġerixxi li, bħala punt "A" tal-aġenda għal waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, il-**Kunsill**:
- jiddeċiedi li jqassar il-perijodu ta' tmien ġimgħat, kif ukoll il-perijodu ta' għaxart ijiem imsemmija hawn fuq f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;
 - japprova l-komunikazzjoni meħmuża li għandha tiġi indirizzata lill-Parlamenti Nazzjonali mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.
5. Id-delegazzjoni tar-Renju Unit ħabbret l-intenzjoni tagħha li tastjeni u li tagħmel dikjarazzjoni għall-minuti tal-Kunsill (Anness II).
-



ANNESS I

**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA
SEGRETARJAT ĠENERALI**

Brussell,

CM

PARLNAT

KOMUNIKAZZJONI

INFORMAZZJONI LILL-PARLAMENTI TAL-ISTATI MEMBRI

Kuntatt: Direttorat tar-Relazzjonijiet Interistituzzjonali
 dri.parlnat@consilium.europa.eu

Abbozz ta' Baġit Emendatorju 10/2010

Nixtieq niġbidlek l-attenzjoni għall-fatt li l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 10 għall-2010 ppreżentat mill-Kummissjoni fl-20 ta' Ottubru jeħtieġ li jiġi implimentat fis-sena finanzjarja 2010 għal raġunijiet ta' ġestjoni finanzjarja sana.

F'din il-perspettiva, il-Kunsill jixtieq jinforma lill-Parlamenti Nazzjonali li huwa ser ikollu jqassar, f'konformità mal-Artikolu 3(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, il-perijodu ta' tmien ġimgħat kif ukoll il-perijodu ta' għaxart ijiem stabbiliti fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti Nazzjonali fl-Unjoni Ewropea u jadotta pożizzjoni dwar il-proposta għal abbozz ta' baġit emendatorju Nru 10/2010 fl-10 ta' Diċembru 2010.

Il-Kunsill għandu fiduċja li l-urġenza tal-kwistjoni ser tinftiehem u tiġi kondiviża b'mod wiesa' mill-Parlamenti Nazzjonali.

Għas-Segretarju Ġenerali

Jim CLOOS
Deputat Direttur Ġenerali
Kwistjonijiet ta' Politika Ġenerali u
Relazzjonijiet Interistituzzjonali

Dikjarazzjoni mid-delegazzjoni tar-Renju Unit

Ir-Renju Unit jinnota d-dispożizzjonijiet ġodda importanti li introduċa t-Trattat ta' Lisbona fir-rigward tar-rwol tal-parlamenti nazzjonali, inkluż b'mod partikolari l-Protokoll Nru 1, u l-importanza tal-implimentazzjoni tajba tiegħu f'din l-ewwel sena sħiħa wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona. Minħabba s-serjetà li biha l-gvern tar-Renju Unit u l-parlamenti nazzjonali jaraw din il-miżura, ir-Renju Unit jiddispjaċih li f'dawn il-każijiet ma kienx possibbli li jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet f'dak il-Protokoll, u jesprimi l-istennija ċara tiegħu li l-iskadenza ta' 8 ġimgħat tal-Protokoll ser tkompli tiġi osservata fil-każijiet kollha, minbarra f'dawk l-aktar eċċezzjonali u urġenti.